


# Il-Pitturi ta' Rocco Buhagiar f'Ħal Balzan



kitba ta' Joseph C. Camilleri
B.A., D.E.A.M., M. Ed. (Pl. & Mgt.)

Il-knisja parrokkjali ta' Marija Annunzjata ta' Ħal Balzan hija mżejna b'ħafna teżori artistiċi. Fost dawn insibu żewġ kwadri laterali mpittra minn Rokku Buhagiar (c. 1725-1805).

## L-Artist

Hemm il-possibbiltà li dan il-pittur kien minn Bormla. Ma nafux sewwa l-jum tat-twelid tiegħu. Meta kien għadu żgħir ħalla l-ħitan tal-Kottonera u flimkien ma' ħuh mar joqgħod fil-Belt Valletta. Skond xi studjużi ta' l-arti Maltija Rokku ħa l-edukazzjoni artistika tiegħu mill-istudju ta' Enrico



Il-pittura li tirrappreżenta t-tlugħ ta' Marija fis-sema.

Regnaud. Hemm il-possibbiltà li dan l-artist ħalla Malta biex jew jistudja l-arti f'dik il-belt jew biex jifli sewwa xi xogħlijiet artistiċi li jżejnu din il-belt eterna. Hu mal-ewwel beda jogħla fil-livell artistiku, tant li għadda l-livell ta' l-għalliem tiegħu. Dan għamlu billi daħħal stil individwali kif ukoll daħħal ilwien aktar qawwija.

Hu kiseb fama mas-suq Malti, sew mal-kleru u sew mal-kavallieri meta l-ġgant ta' l-arti Maltija – Francesco Zahra, ħalla din id-dinja. Hu kien pittur proliferu u jaħdem b'kompitenza kbira. Tant li ħafna knejjes parrokkjali u kappelli għandhom xi xogħol minn tiegħu. Hemm il-possibbiltà li billi x-xogħlijiet tiegħu juru ċertu stil ta' ħlewwa kbira, il-kleru kien jara din il-ħlewwa bħala mezz biex ix-xogħol jidher aktar sagru u jiġbed aktar devoti lejn dak ix-xogħol reliġjuż.

L-Ordni ta' San Ġwann ukoll kien jara l-ħila ta' dan il-pittur. Insibu li Rokku Buhagiar kien imdaħħal, bejn is-snin 1777 u 1790 biex imexxi r-redekorazzjoni li kellha ssir mill-ġdid ta' waħda mill-aqwa knejjes li kellha l-Ordni fil-Belt Valletta – il-knisja ta' San Ġakbu, knisja li kienet tal-Kavallieri tal-Berġa ta' Kastilja.

Skond xi kritiċi, ix-xogħlijiet ta' Rokku Buhagiar juri livell limitat ta' immaġinazzjoni. Ix-xogħol tiegħu juru livell akkademiku. Wieħed mill-kritiċi li studjaw l-arti ta' Rokku Buhagiar kien Dominic Cutajar. Dan l-istudjuż kiteb hekk fuq l-arti ta' dan il-pittur: *In general his approach tends to be dry and academic, but in most cases competent without being exciting.*

Hu ħalla dan il-wied tad-dmugħ f'Borma nhar l-10 ta' Lulju 1805. Hu midfun fil-knisja konventwali ta' Santa Teresa.

## Iż-Żewġ Xogħlijiet fil-Knisja ta' Ħal Balzan

Iż-żewġ xogħlijiet li għandha l-knisja parrokkjali ta' Ħal Balzan ħadu post iż-żewġ gallarijiet ta' l-orgni. L-ewwel xogħol jirrappreżenta **l-Preżentazzjoni fit-Tempju** u t-tieni xogħol juri **l-Assunzjoni ta' Marija Santissima.** Il-gwarniċi ta' dawn ix-xogħlijiet huma ta' l-injam. L-istil tagħhom hu wieħed barokkjali u fih skultura sabiħa u fl-istess ħin sempliċi.

## Il-Preżentazzjoni fit-Tempju

Il-qalba ta' dan ix-xogħol hija t-Tarbija Ġesù. Il-Bambin jinsab f'idejn Xmun il-qassis tat-tempju. Biswit it-tarbija hemm l-omm – il-Madonna Santissima. Id-dawl ta' dan ix-xogħol jinġabar flimkien u jsir raġġ qawwi tad-dawl li jibda mill-figura ta' l-Ispirtu s-Santu u jinżel fuq it-Tarbija Divina. Id-dawl jimla wkoll iż-żewġ figuri l-oħra – il-qassis tat-tempju u l-Madonna. Il-Madonna tinsab għarkubbtejha tħares lejn Xmun. Hemm ċertu rispett lejn dan il-bniedem. Min-naħa l-oħra l-qassis jinsab bilwieqfa. Dan hu kuntrast, bejn il-ħajja sempliċi tal-Madonna u l-poter tal-qassis tat-tempju. Il-bqija tax-xogħol jinsab fid-dlam. Fuq in-naħa tal-Madonna hemm żewġ figuri importanti fl-istorja tal-preżentazzjoni. Hemm San Ġużepp u Anna l-qaddejja tat-tempju. It-tnejn huma persuni umli. Ma jersqux lejn Xmun. Moħħhom biss fit-Tarbija li hija s-Salvazzjoni tad-Dinja. Bħala bilanċ hemm fuq in-naħa tal-Qassis tliet persuni. Waħda minnhom hija mara li għandha magħha tifel jew tifla, żgħira fl-età. Biex il-kwadru jkollu simetrija taħt il-figura tal-Bambin hemm żewġ personaġġi.

Hu xogħol tassew sabiħ. Mimli kuntrasti. Hemm logħba qawwija bejn id-dawl li ħiereġ mill-Ispirtu s-Santu u d-dlam ma' madwar l-inkwadru. Hemm kuntrast bejn il-Madonna u l-Qassis. Hemm ir-rwol importanti tal-figuri sekondarji. Fl-istorja tal-preżentazzjoni San Ġużepp u Anna għandhom rwol kbir iżda għal Rokku Buhagiar dan ir-rwol jonqos u jsir wieħed ta' livell sekondarju daqs il-figuri l-oħra li x-xogħol tagħhom hu li joħolqu bilanċ u xejn aktar. F'dan il-kwadru hemm idea ġdida għall-aħħar. Hemm il-preżenza ta' tifel jew tifla. L-omm ta' din il-kreatura qed jieħu l-frott ta' l-imħabba tagħha lejn it-Tarbija Divina. Dan hu messaġġ li jwassal dan l-inkwadru, li kull wieħed minna għandu jersaq lejn Ġesù.

## L-Assunzjoni ta' Marija Santissima

It-tieni kwadru għandu suġġett li Rokku Buhagiar ħoloq kemm-il darba. Insibu l-istess suġġett fil-knisja ta' Santa Marija msejħa tar-Rokna f'Ħal Tarxien. Insibuh mill-ġdid fil-knisja ta' Santa Marija, din id-darba magħrufa bħala ta' Ħal Muxi f'Ħaż-Żebbuġ.



*Il-pittura tesebixxi l-preżentazzjoni ta' Ġesù fit-tempju. Inkwatru li jinsab fil-kor tal-knisja parrokkjali ta' Ħal Balzan.*

L-inkwadru ta' Ħal Balzan hu differenti minn dak Tarxiniż u Żebbuġi. Wieħed jista' jgħid li dan l-inkwadru jinqasam fi tnejn. Hemm is-sema fuq il-parti ta' fuq u l-art fil-parti ta' isfel.

Il-Madonna tinsab fuq l-isħab. Magħha hemm qatta' anġli. Hemm ukoll tip ta' anġli, sew puttini (anġli żgħir) u anġli kbar. Billi l-figura marjana tippreżenta l-ġenna f'din il-parti ta' dan ix-xogħol artistiku hemm dawl qawwi li jdur dawra mejt mal-Madonna. Bħala kuntrast hemm il-parti li jippreżenta l-art. Dan hu l-qabar vojt tal-Madonna. Il-ħdax-il appostlu jinsabu mdawrin mal-qabar. Ġuda kien issa ħareġ mill-ħajja ta' l-appostli darba għal dejjem. Mhux kull appostlu għandu x'jaqsam mal-qabar jew mal-figura tal-Madonna. Erba' biss jinsabu jħarsu lejn il-Madonna. Permezz ta' dawn il-figuri hemm rabta bejn iż-żewġ partijiet tal-kwadru. Tnejn minn dawn l-appostli – San Ġwann u San Pietru jinsabu jitkellmu fuq il-qabar. Jinsabu jitkellmu bejniethom. Wara San Ġwann hemm figura ta' appostlu li mal-ewwel daqqa ta' għajn tgħid li dan mhux appostlu iżda Ġesù Kristu. Dan jinsab iħares lejn il-qabar vojt. Biswitu hemm appostlu ieħor li jinsab ħosbien għall-aħħar. Wieħed mill-appostli qed iħares lejn minn qed jammira dan ix-xogħol bħallikieku qed idaħħlu fix-xogħol artistiku u b'wieħed isir parti integrali ta' dan ix-xogħol.

## Ix-Xogħlijiet

Bejn inkwadru u ieħor hemm rabta kbira. Iż-żewġ xogħlijiet huma mimlija daqs bajda b'figuri. Billi Rokku Buhagiar daħħal diversi figuri fl-

inkwadru tal-Preżentazzjoni fit-Tempju, m'hemmx kuntrast bejn dak li turi l-Assunzjoni u dak tal-Preżentazzjoni. It-tnejn fihom il-logħba tad-dawl u dlam. Iż-żewġ kwadri juru żewġ partijiet – is-sema fuq naħa u l-art fuq in-naħa l-oħra.

Dawn huma tnejn minn tant teżori li għandha din il-knisja. Mhux ta' b'xejn il-pittura tal-Preżentazzjoni fit-Tempju hu suġġett li sikwit jidher fuq il-kartolini tal-Milied. Billi dawn huma pitturi laterali wieħed ma jistax japprezza sewwa dawn iż-żewġ xogħlijiet.


**Referenzi:**

Mario Buhagiar (ed.), *Marian Art During the 17th and 18th Centuries*, Malta 1983.

Mons. Dun Ġwann Dimech, *Ġrajjietu sa l-1999*, Kunsill Lokali Balzan, Malta 2004.

Mario Buhagiar, *The Iconography of the Maltese Islands 1400-1900 Painting*, World Confederation of Selesian Past Pupils of Don Bosco, Lions Club (Malta) 1987.

Tony Terribile, *Teżori fil-Knejjes Maltin – H'Attard, Hal Balzan, Hal Lija*, PIN Publications, Malta 2003.


